**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 16 – IT-TLIETA, 13 TA' OTTUBRU 2015 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairperson |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skuzati | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairperson |
| Assenti | Simon Ellul Sullivan | Membru |

## 1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 15

1.1 Is-Sur Stefan Bonello Ghio ppropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm 2 Favur u 1 Astensjoni.

## 2 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

2.1 Kien hemm riferenza għar-rapport tas-Sur Peter Calleja rigward ix-xogħol li sar fil-Ġnien G M Camilleri. Ġie innutat li hemm bżonn isir xogħol fuq il-koping, isir zebgħa fuq il-planters kollha u hemm bżonn aktar tindif. Għandha tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Peter Calleja. Ġie innutat li hemm bżonn li jsir xogħol ta' maintenance fuq is-soft area fi Triq Birkirkara u fjuri staġjonali.

2.2 Kien hemm diskussjoni rigward 1000 Ewro premju li l-Kunsill rebaħ mill-GreenPak għall-proġett favur l-ambjent. Ġie deċiż li jiġi propost biex id-dawl fiż-żebra crossings fi Triq Birkirkara u Triq tas-Sliema jsiru bis-solar lighting biex ma jintużax elettriku.

2.3 Ġie innutat li l-Managment tac-Chiswisk House School bagħtu l-ittra lil ġenituri tat-tfal li jattendu l-iskola biex dawn ikun prudenti meta jwasslu lit-tfal u meta jiġu għalihom.

2.4 Ġie innutat li l-Aġenzija tal-Gvern (LESA) ħadet ir-responsabbiltà tal-infurzar. Ġie deċiż li jintalab għal-laqgħa follow-up mas-Sur Ray Zammit rigward l-

immanniġġjar tat-traffiku fi Triq Antonio Schembri waqt il-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tal-iskola fit-triq. Kien hemm qbil unanimu.

2.5 Kien hemm diskussjoni fuq l-budget imħabbar mill-Gvern. Ġie innutat li thabbar li l-proġett tal-Kappara flyover għandu jibda fil-first quarter tal-2016 u għandu jdum sentejn. Ġie innutat ukoll li ġie vvutat 30 milljun Ewro għal kostruzzjoni tat-toroq. Ġie deċiż li ssir talba lil TM biex fl-2016 tiġi asfaltata Triq il-Ġojjin peress li din hija triq li qatt ma saret. Ġie innutat ukoll li ġew ivvutati fondi għall-promozzjoni tal-użu tar-roti. Ġie deċiż li sir talba biex jintalbu fondi biex jiġu nstallati bicycle rack fejn il-Ġnien G M Camilleri.

2.6 Ġiet innutata l-kwotazzjoni għall-information boards bi prezz ta' 250 Ewro + Vat u 70 Ewro + Vat għal art work. Ġie deċiż li jiġu ordnati 3 minn dawn għal Kappara.

**3 Affarjiet oħra**

3.1 Is-Sur Alfred Mangion talab biex:

3.1.1 tintbagħat reminder lill-Enemalta rigward wires imdendlin fi Triq in-Naxxar u fil-plot ta' Triq Birkirkara kantuniera ma' Triq il-Gallina;

3.1.2 tintbagħat ittra lis-Sanità rigward l-boroż tar-rubbish li qed jitħalla barra fil-ħinijiet differenti mis-Sundown Court u rigward ir-rimi ta' skart fil-plot ta' Triq Birkirkara kantuniera ma' Triq il-Gallina;

3.1.3 jiġi nfurmat l-Pulizija rigward karozza mitluqa u bil-liċenzja skaduta fi Triq San Pawl;

3.1.4 tiġi kkunsidrata biex Membru tal-KAC jkun Membru fil-Bord Editorjali.

3.2 Ġiet diskussa talba biex issir zebra crossing fi Triq tas-Sliema, il-parti ta' fuq. Kien hemm qbil li din ma tiġix aċċettata.

3.3 Kien hemm diskussjoni rigward talba biex waqt il-ħinijiet tal-ħruġ u d-dħul tal-istudenti tac-Chiswisk, jitħalla parkeġġ fuq il-parti l-wiesa tal-bankina fi Triq Antonio Schembri. Ma kienx hemm qbil fuq din peress li dawn il-karozzi jistgħu jqattru żejt fuq l-istess bankina.

3.4 Kien hemm diskussjoni rigward talba biex Triq il-Ħida titkompla l-One Way sa Triq l-Isturnell. Ma kienx hemm qbil fuq din.

3.5 Kien hemm diskussjoni rigward it-tiswija ta' parti minn Triq l-Ortonoloġija. Kien hemm qbil fuq din.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.25pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 10 ta' Novembru 2015 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Stefan Bonello Ghio**<br>**Chairman** |